1 ta' Ġunju 2019
66/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'ĠUNJU 2019**

Is-Sibt 1 ta' Ġunju 2019, fis-6:00 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa f'għeluq il-50 sena tal-Parroċċa San Ġwann tas-Salib, Ta' Xbiex.

Il-Ħadd 2 ta' Ġunju, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen, Birżebbuġa. Fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Josef Mifsud bħala l-arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa San Nikola ta' Bari, is-Siġġiewi.

Il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa b'suffraġju tal-vittmi tas-Sette Giugno, fil-Knisja taċ-Ċimiterju tal-Addolorata, Raħal Ġdid. Fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa Madonna ta' Lourdes, San Ġwann.

Is-Sibt 8 ta' Ġunju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa tal-Immakulata Omm il-Knisja, l-Ibraġ. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa Familja Mqaddsa, l-Iklin.

Il-Ħadd 9 ta' Ġunju, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fis-Solennità ta' Għid il-Ħamsin fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti tal-Parroċċi tal-Belt u l-Parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu, Tas-Sliema. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta. Fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fis-Santwarju tal-Ħniena Divina, in-Naxxar.

Il-Ħadd 16 ta' Ġunju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, il-Birgu fil-bidu tal-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa. Matul il-Quddiesa l-Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina.

It-Tlieta 18 ta' Ġunju, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina, mal-parteċipanti tal-laqgħa annwali tal-uffiċjali tal-midja u l-kelliema tal-Konferenzi Episkopali Ewropej (CCEE).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, fis-6:15 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja tal-Lunzjata bħala parti mill-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tal-Birgu.

Is-Sibt 22 ta' Ġunju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi pellegrinaġġ nazzjonali u jiċċelebra Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, Għawdex.

Il-Ħadd 23 ta' Ġunju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Pontifikal fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesù (Corpus Christi) fil-Katidral tal-Imdina, flimkien mal-Kapitlu Metropolitan. Il-Quddiesa tkompli bil-purċissjoni bl-Ewkaristija mat-toroq ewlenin tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

It-Tnejn 24 ta' Ġunju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fil-festa tat-Twelid ta' San Ġwann Battista u wara ssir r-repożizzjoni tar-relikwa. Mal-Arċisqof jikkonċelebraw grupp ta' saċerdoti li ġew ordnati fl-1969. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 29 ta' Ġunju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Pontifikal fis-Solennità tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl, flimkien mal-Kapitlu Metropolitan, fil-Katidral tal-Imdina. Fi tmiem il-Quddiesa ssir ir-repożizzjoni tar-relikwi. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 30 ta' Ġunju, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**